**17 ta' Ottubru, 1997**

**Imhallef:-**

**Onor. Vincent DeGaetano LL.D.**

**Il-Pulizija**

*versus*

**Carmel Muscat**

## Akkużi Alternattivi

*Jekk imputazzjonijiet (jew akkużi) jkunu kontradittorji fattwalment jew legalment, dan ma jfissirx li huma nulli. Ifisser biss li jridu neċessarjament jinqraw bħala li huma alternattivi. L-alternattività m'hemmx għalfejn tiġi espressament imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Il-każ klassiku hu ta' l-imputazzjonijiet (jew akkużi) ta' serq ta' oġġett u ta' riċettazzjoni ta' l-istess oġġett, imputazzjonijiet li bilfors iridu jinqraw jew jiftiehmu bħala alternattivi.*

Il-Qorti:-

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Carmel Muscat talli bħala persuna rreġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud skond l-Att biex jipprovdi għal Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att XII ta' l-1994) u r-regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, fis-16 ta' Awissu, 1995 fis-6.00 p.m., fil-ħanut Temptations, 54 Main Street, il-Mellieħa: (1) naqas jew hu jew impjegati tiegħu li joħroġ riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali fuq bejgħ ta' provvista taxxabbli; (2) naqas li jipprovdi l-istess riċevuta fiskali lill-persuna li lilha għamel dik il-provvista taxxabbli, skond il-kumpens lilu mħallas għal dik il-provvista u dan bi ksur tar-regolamenti 2, 3, 4 u 11 tar-Regolamenti ta' l-1994 dwar l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Riċevuti Fiskali) (Avviż Legali 158 ta' l-1994); u l-artikoli 40, 63 (a) u (e) u 66 ta' l-Att XII ta' l-1994; hu kien akkużat ukoll (3) talli fl-istess żmien u fl-istess post ħareġ jew hu jew l-impjegati tiegħu, riċevuta fiskali permezz ta' *cash register* fiskali fuq bejgħ ta' provvista taxxabbli li ma kinitx korretta jew li kienet tqarraq f'rigward materjali u dan billi ġie indikat fuq dawk l-irċevuti biegħ ta' provvista taxxabbli, bil-marka E jiġifieri eżenti bi kreditu minflok bil-marka F jiġifieri taxxabbli b'rata ta' ħmistax fil-mija u dan bi ksur ta' l-artikolu 63 (a) u (e) u 66 ta' l-Att XII ta' l-1994 u r-regolamenti 2, 3, 4 u

11 ta' l-Avviż Legali 158 ta' l-1994;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tad-29 ta' Frar, 1996 li biha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Carmel Muscat mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet iżda sabitu ħati skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu jħallas multa ta' ħamsin lira (Lm50); rat ir-rikors ta' appell ippreżentat mill-imsemmi Carmel Muscat fit-12 ta' Marzu, 1996 li bih talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza fis-sens li hu jiġi lliberat mill-imsemmija tielet imputazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant hu, bażikament, li t-tliet imputazzjonijiet (li hu jsejħilhom "akkużi") miġjubin kontra tiegħu huma kontradditorji għax mhumiex alternattivi għal xulxin. Infatti l-appellant jistaqsi kif seta' hu jiġi akkużat li ħareġ riċevuta fiskali falza meta fl-istess ħin qed jiġi akkużat, skond l-ewwel imputazzjoni, li ma ħariġx tali rċevuta fiskali falza meta fl-istess ħin qed jiġi akkużat, skond l-ewwel imputazzjoni, li ma ħariġx tali rċevuta. Dan l-aggravju hu wieħed fieragħ. Jekk imputazzjonijiet (jew akkużi) jkunu kontradittorji fattwalment jew legalment, dan ma jfissirx li huma nulli. Ifisser biss li jridu neċessarjament jinqraw jew jiftiehmu bħala alternattivi. L-alternattività m'hemmx għalfejn tiġi espressament imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Il-każ klassiku hu ta' l-imputazzjonijiet (jew akkużi) ta' serq ta' oġġett u ta' riċettazzjoni ta' l-istess oġġett, imputazzjonijiet li bilfors iridu jinqraw jew jiftehmu bħala alternattivi;

L-aggravji l-oħra jirriduċu ruħhom, bażikament, għall-aggravju wieħed u ċjoe` li t-tielet imputazzjoni ma tirriżultax ippruvata. Din il-Qorti ma taqbilx. L-appellant donnu

jippretendi li l-Ewwel Qorti kellha toqgħod tidħol f'xi dettal biex tispjega kif u għala t-tielet imputazzjoni tirriżulta ppruvata. L-Ewwel Qorti ma kienet obbligata li tagħmel xejn minn dan kollu. Dak li għandu jkun fiha s-sentenza tal-Qorti Inferjuri jirriżulta ċar mill-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali. Anqas il-Qorti Kriminali u l-Qorti ta' l-Appell Kriminali m'għandhom għalfejn jagħtu r-raġunijiet ħlief meta jiddisponu minn kwistjoni ta' liġi (ara l-artikolu 662 (2) tal-Kodiċi Kriminali);

Għall-motivi premessi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.